Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,653, 28 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 272 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet Sportivi (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet Sportivi (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Attivitajiet Sportivi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". A.L. 207 tal-2021.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara t-28 ta' Ġunju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jistotwitixxi r-regolament 3 tar-regolament prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"3. (1) Sports bla kuntatt għandu jkun permissibbli u jista' jiġi organizzat, skont l-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, minn persuna, assoċjazzjoni ta' persuni, soċjetajiet ċivili jew kummerċjali, jew xi entità oħra rikonoxxuta bil-liġi reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni Sportivi taħt l-artikolu 35 tal-Att dwar l-Isports. Kap. 455.

(2) Sports ta' kuntatt għandu jkun permissibbli u jista' jiġi organizzat, skont l-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, minn persuna, assoċjazzjoni ta' persuni, soċjetajiet ċivili jew kummerċjali, jew xi entità oħra rikonoxxuta bil-liġi reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni Sportivi taħt l-artikolu 35 tal-Att dwar l-Isports. Kap. 455.

(3) L-attendenza ta' spettaturi għal kwalunkwe avveniment u, jew attività relatata mal-isports permissibbli taħt dan ir-regolament għandha tkun regolata u kontrollata skont l-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"4. (1) Dawk il-kategoriji ta' sport, ta' kuntatt jew bla kuntatt, ta' livell għoli jew professjonali speċifikati fl-istandards maħruga mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandhom ikunu permissibbli u jistgħu jiġu organizzati skont il-miżuri u kondizzjonijiet stabbiliti fl-istess l-istandards minn persuna, assoċjazzjoni ta' persuni, soċjetajiet ċivili jew kummerċjali, jew xi entità oħra rikonoxxuta bil-liġi, reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni Sportivi taħt l-artikolu 35 tal-Att dwar l-Isports.

Kap. 455.

(2) Kwalunkwe attività tal-isport li taqa' taħt dan ir-regolament għandha teħtieġ l-approvazzjoni ta' SportMalta wara li tiġi sottomessa applikazzjoni għal dan il-għan, fil-forma preskritta fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti**,** mill-persuna, assoċjazzjoni ta' persuni, soċjetà ċivili jew kummerċjali, jew entità oħra rispettiva, kif speċifikat fis-subregolament (1).

(3) L-attendenza ta' spettaturi għal kwalunkwe avveniment u, jew attività relatata mal-isports permissibbli taħt dan ir-regolament għandha tkun regolata u kontrollata skont l-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "(Regolament 5)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(Regolament 4(2))".